REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2057

tas-17 ta' Settembru 2026

li jżid mal-kwoti tas-sajd tal-2026 ċerti kwantitajiet miżmuma fl-2025 skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tal-TAC u l-kwoti ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96, għal ħażniet soġġetti għal TAC analitika, Stat Membru li għalih tkun ġiet allokata kwota rilevanti jista' jitlob lill-Kummissjoni, qabel il-31 ta' Ottubru tas-sena tal-applikazzjoni tal-kwota, biex iżomm 10 % tal-kwota tiegħu li trid tiġi ttrasferita għas-sena li jmiss.

(2) Ir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2024/2903 ([2]), (UE) 2025/202 ([3]) u (UE) 2025/219 ([4]) jiffissaw il-kwoti tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut għall-2025 u jispeċifikaw liema stokkijiet tal-ħut jistgħu jkunu soġġetti għall-miżuri previsti fir-Regolament (KE) Nru 847/96.

(3) Ir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2025/2454 ([5]), (UE) 2026/249 ([6]) u (UE) 2026/266 ([7]) jiffissaw il-kwoti tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut għall-2026.

(4) Ċerti Stati Membri talbu, qabel il-31 ta' Ottubru 2025, li parti mill-kwoti tagħhom għall-2025 għal ċerti stokkijiet tal-ħut tinżamm u tiġi ttrasferita għall-2026. L-istokkijiet tal-ħut li t-trasferiment tagħhom qed jintalab kif ukoll l-istat ta' sfruttament tagħhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 847/96 għal tali trasferiment. Soġġetti għal-limiti previsti f'dak ir-Regolament, il-kwantitajiet miżmuma jenħtieġ li jiżdiedu mal-kwoti għall-2026.

([1]) ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1996/847/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/2903 tat-18 ta' Novembru 2024 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2025 u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L, 2024/2903, 19.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2903/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/202 tat-30 ta' Jannar 2025 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 (ĠU L, 2025/202, 31.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/202/oj).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/219 tat-30 ta' Jannar 2025 li jistabbilixxi għall-2025 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (ĠU L, 2025/219, 4.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/219/oj).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/2454 tal-1 ta' Diċembru 2025 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2026 u li jemenda r-Regolament (UE) 2025/202 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L, 2025/2454, 2.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2454/oj).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/249 tas-26 ta' Jannar 2026 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2026, l-2027 u l-2028 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2025/202 (ĠU L, 2026/249, 30.1.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/249/oj).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/266 tas-26 ta' Jannar 2026 li jistabbilixxi għall-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (ĠU L, 2026/266, 30.1.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/266/oj).

(5) Sabiex tiġi evitata l-flessibbiltà eċċessiva li ddgħajjef il-prinċipju ta' sfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar, li tfixkel il-kisba tal-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd u li tiddeterjora l-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet, fil-każ li Stat Membru jkun ġa uża l-flessibbiltà ta' sena b'sena prevista skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) fir-rigward ta' stokk partikolari, l-ebda riport ta' kwoti tas-sajd mhux użati ma jenħtieġ li japplika skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u viċi versa.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tas-sajd stabbiliti għall-2026 fir-Regolamenti (UE) 2025/2454, (UE) 2026/249 u (UE) 2026/266 huma miżjuda kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Settembru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([8]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj).

ANNESS

Stokkijiet tal-ħut li għalihom il-kwoti ġew iffissati bir-Regolament (UE) 2024/2903

ID tal-pajjiż	ID tal-istokk	Speċijiet	Isem iż-żona	Kwota finali fl-2025 (1) (f'tunnellati)	Qabdiet fl-2025 (f'tunnellati)	Qabdiet b'kundizzjoni speċjali (2) fl-2025 (f'tunnellati)	Qabdiet totali fl-2025 (f'tunnellati)	% tal-użu tal-kwota finali	Kwantità trasferita (f'tunnellati)
PL	PLE/3BCD-C	Barbun tat-tbajja'	l-ilmijiet tal-Unjoni tas-subdiviżjonijiet 22–32	1 885,134	57,907	0,000	57,907	3,07	188,513
PL	SPR/3BCD-C	Laċċ ikħal	l-ilmijiet tal-Unjoni tas-subdiviżjonijiet 22–32	43 179,056	41 038,959	0,000	41 038,959	95,04	2 140,097

(1) Il-kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar il-kwoti tas-sajd, jiġifieri ir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2024/2903, (UE) 2025/202 jew (UE) 2025/219, wara li jitqiesu l-iskambji tal-kwoti tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 , it-trasferimenti tal-kwoti mill-2024 għall-2025 f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 jew mal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jew ir-riallokazzjoni u t-tnaqqis possibbli tal-kwoti tas-sajd f'konformità mal-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj.).

(2) Kundizzjoni speċjali stabbilita fl-Annessi tar-Regolamenti rilevanti li jiffissaw l-opportunitajiet tas-sajd għas-sena 2025.

Stokkijiet tal-ħut li għalihom il-kwoti ġew iffissati bir-Regolament (UE) 2025/202

ID tal-pajjiż	ID tal-istokk	Speċijiet	Isem iż-żona	Kwota finali fl-2025 (1) (f'tunnellati)	Qabdiet fl-2025 (f'tunnellati)	Qabdiet b'kundizzjoni speċjali (2) fl-2025 (f'tunnellati)	Qabdiet totali fl-2025 (f'tunnellati)	% tal-użu tal-kwota finali	Kwantità trasferita (f'tunnellati)
BE	RJU/7DE.	Rajja ondjata	7d u 7e	328,970	37,572	0,000	37,572	11,42	32,897
DE	RJU/7DE.	Rajja ondjata	7d u 7e	4,430	0,000	0,000	0,000	0,00	0,443
ES	RJE/7FG.	Raja għewejna	7f u 7 g	7,000	0,000	0,000	0,000	0,00	0,700
ES	RJU/7DE.	Rajja ondjata	7d u 7e	355,670	0,000	0,000	0,000	0,00	35,567
FR	RJU/7DE.	Rajja ondjata	7d u 7e	1 853,500	673,272	0,000	673,272	36,32	185,350

ID tal-pajjiż	ID tal-istokk	Speċijiet	Isem iż-żona	Kwota finali fl-2025 (1) (f'tunnellati)	Qabdiet fl-2025 (f'tunnellati)	Qabdiet b'kundizzjoni speċjali (2) fl-2025 (f'tunnellati)	Qabdiet totali fl-2025 (f'tunnellati)	% tal-użu tal-kwota finali	Kwantità trasferita (f'tunnellati)
IE	RJE/7FG.	Raja għewejna	7f u 7 g	8,000	0,000	0,000	0,000	0,00	0,800
IE	RJU/7DE.	Rajja ondjata	7d u 7e	168,820	0,000	0,000	0,000	0,00	16,882
LT	RJU/7DE.	Rajja ondjata	7d u 7e	6,000	0,000	0,000	0,000	0,00	0,600
NL	RJU/7DE.	Rajja ondjata	7d u 7e	4,070	0,385	0,000	0,385	9,46	0,407
PL	HER/1/2-	Aringa	l-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali ta' 1 u 2	51,106	0,000	0,000	0,000	0,00	5,111
PL	MAC/*4 A-UK	Kavall	l-ilmijiet tar-Renju Unit ta' 4a (kundizzjoni speċjali għal MAC/2CX14-)	862,601	709,235	0,000	709,235	82,22	86,260
PL	MAC/*8ABD.	Kavall	8a, 8b u 8d (kundizzjoni speċjali għal MAC/8C3411)	682,265	614,039	0,000	614,039	90,00	68,226
PL	MAC/2CX14-	Kavall	6, 7, 8a, 8b, 8d u 8e; l-ilmijiet tar-Renju Unit u internazzjonali ta' 5b; l-ilmijiet internazzjonali 2a, 12 u 14	890,075	91,980	709,235	801,215	90,02	88,860
PL	MAC/8C3411	Kavall	8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni tas-CECAF 34.1.1	682,265	0,000	614,039	614,039	90,00	68,226
PL	WHB/1X14	Stokkafixx	l-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u dawk internazzjonali ta' 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14	60 573,504	56 870,608	0,000	56 870,608	93,89	3 702,896
PT	RJU/7DE.	Rajja ondjata	7d u 7e	6,700	0,000	0,000	0,000	0,00	0,670

(1) Il-kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar il-kwoti tas-sajd, jiġifieri ir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2024/2903, (UE) 2025/202 jew (UE) 2025/219, wara li jitqiesu l-iskambji tal-kwoti tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, it-trasferimenti tal-kwoti mill-2024 għall-2025 f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 jew mal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jew ir-riallokazzjoni u t-tnaqqis possibbli tal-kwoti tas-sajd f'konformità mal-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009).

(2) Kundizzjoni speċjali stabbilita fl-Annessi tar-Regolamenti rilevanti li jiffissaw l-opportunitajiet tas-sajd għas-sena 2025.